**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**
**MAĠISTRAT DR. LEONARD CARUANA LL.D., M.A. (FIN. SERV)**
CHAIRPERSON

Rikors Nru 326/2022 LC

**Carmen Zammit (K.I. 597064M)**
**Emanuel sive Noel Seychell (K.I. 335467M)**
**Margaret Schembri (K.I. 560565M)**
**Vincent Seychell (K.I. 301677M)**
**Mary Grace Demicoli (K.I. 457963M)**
**Josephine Demicoli (K.I. 546162M)**

**vs**

**Anthony u Carmen konjuġi Mizzi (K.I. 637149M u 289286M rispettivament) u John Fenech (K.I. 1039546M)**

Illum, 13 ta' Lulju 2023

Il-Bord,

1. Iwettaq it-test tal-mezzi tal-intimati qua kerrejja kif stabbilit fir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi);

2. Kemm-il darba l-kerrejja ossia l-intimati odjerni jissodisfaw il-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi, jordna li l-kera tal-fond f'Ħaż Żabbar bin-numru disgħa u għoxrin (29) fi Triq Santa Marija, kantuniera ma' Sqaq Numru 1 fi Triq Santa

Marija fejn għandu l-bieb bin-numru uffiċjali tmintax (18) jiġi rivedut għal ammont li ma jeċċedix it-tnejn fil-mija (2%) fis-sena tal-valur liberu u frank fis-suq miftuħ fl-1 ta' Jannar tas-sena li matulha qed jiġi preżentat l-odjern rikors u sabiex jiġu stabbiliti kundizzjonijiet ġodda fir-rigward tal-kera;

3. Kemm-il darba l-kerrejja ossia l-intimati odjern ma jissodisfawx il-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi, jippermetti lill-istess kerrejja żmien ta' sentejn sabiex il-fond f'Ħaż Żabbar bin-numru disgħa u għoxrin (29) fi Triq Santa Marija, kantuniera ma' Sqaq Numru 1 fi Triq Santa Marija fejn għandu l-bieb bin-numru uffiċjali tmintax (18) jiġi vakat fil-waqt li jiffissa l-kumpens pagabbli lill-esponenti għall-okkupazzjoni tal-istess fond;

4. Jagħti dawk il-provvedimenti ulterjuri li jidhirlu xierqa fit-termini tal-Art. 4A tal-Kap. 69;

Bl-ispejjeż kontra l-intimata minn issa nġunti għas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-Awtorità tad-Djar tas-27 ta' Ġunju 2022 fejn sommarjament, eċċepiet, fost l-oħrajn li (i) l-attur iridu japprovaw t-titolu tagħhom u li huma waħedhom huma s-sidien uniċi tal-fond; (ii) il-Bord għandu jikkonstata jekk l-Att XXIV għandux jiġi applikat għal dan il-każ (iii) peress li l-Awtorità hija intervenuta fil-kawża ai termini tal-liġi, hija m'għandhiex tbati l-ispejjeż tal-preżenti; u (iv) f'każ li l-inkwilini jissodisfaw it-test tal-mezzi, il-kera għandha tiġi fissata f'ammont ta' mhux aktar minn 2% tal-valur tal-propjetà skond il-liġi.

Ra r-risposta ta' Anthony u Carmen konjuġi Mizzi (K.I. 637149M u 289286M rispettivament) u John Fenech (K.I. 1039546M) tas-7 ta' Lulju 2022, fejn sommarjament jeċepixxu li:

1. Illi fl-ewwel lok u in vena preliminari, l-atturi jridu jipprovaw t-titolu tagħhom;

2. Illi fit-tieni lok u in vena preliminari ukoll, kull żieda se mai li tista' tiġi milqugħa minn dan l-Onorabbli Bord għandha tibda tgħodd mil-iskadenza li jmiss.

3. Illi fit-tieni lok, l-intimati jindikaw li huma l-kerrejja solitari tal-fond in kwistjoni;

4. Illi fit-tielet lok l-intimati jirrilevaw li huma dejjem ħallsu l-kera dovuta u dejjem wettqu l-obbligi tagħhom skond il-liġi;

*5.* Illi fir-raba' lok, kif ser jirriżulta fil-mori tal-kawża, l-intimati jissodisfaw it-test tal-mezzi hekk kif stabbiliti fir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (S.L. 16.11) stante li l-mezzi tagħhom ma jaqbżux il-parametri stabbiliti mil-liġi b'dan illi l-intimati m'għandhomx jiġu żgumbrati mill-fond in kwistjoni fi żmien sentejn. In ogni każ u mingħajr preġudizzju għal dak preċitat, ai termini tar-regolamenti 8 tal-Liġi Sussidjarja 16.11 f'każ illi iktar minn persuna waħda tkun qiegħda tikri *in solidum* huwa biżżejjed li wieħed mill-persuni jissudisfaw it-test tal-mezzi.

*6.* Illi fil-ħames lok, sabiex tiġi stabbilita l-kirja pagabbli , dan l-Onorabbli Bors għandu jieħu in konsiderazzjoni l-fatt li l-intimat Anthony Mizzi huwa pensjonant li tagħtu puplesija ċirca tlett snin ilu, li Carmen Mizzi ma taħdimx u li John Fenech, huwa pensjonant li għadu kemm fieq mill-Kanċer tal-pulmun u li għamel l-operazzjoni tal-bypass u li m'għandhom l-ebda residenza oħra u konsegwentement, kwalunkwe żieda fil-kera li ser jordna dan l-Onorabbli Bord għandha

tkun waħda li tidħol fis-seħħ b'mod gradwali u f'ammont li ma jaqbiżx ir-rata massima ta' 2% stabbilita mil-Liġi;

7. Illi f'kull każ, u mingħajr preġudizzju għall-premess l-intimati m'għandhomx jinkombu spejjeż għal dawn il-proċeduri;

8. Salv eċċezzjonijiet oħra li jistgħu jitressqu fl-istadju ulterjuri.

Bl-ispejjeż.

Ra illi in ottemporanza mad-digriet ta' dan il-Bord tat-12 ta' Mejju 2022, l-intimati wettqu it-test tal-mezzi ai termini tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) (Avviż Legali 463 tal-2011).

Ra illi l-Periti Membri tal-Bord, senjatament il-Perit Maria McKenna u l-Perit Karl Cutajar, ppreżentaw ir-relazzjoni tagħhom;

Ra id-dokumenti kollha eżebiti;

Ikkonsidra;

Illi l-kawża odjerna qegħda ssir ai termini tal-Artikolu 4A tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta, liema Artikolu jagħti l-fakultà lis-sid tal-kera jadixxi lil dan il-Bord u jitlob żieda fil-kera li ma teċċedix it-2% fis-sena tal-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tad-dar ta' abitazzjoni, purchè li d-diversi kriterji hemm imsemmija jiġu sodisfatti;

Ikkonsidra;

Illi l-ewwel żewġ kriterji li dan il-Bord jinneċessita jistabbilixxi qabel ma jipproċedi ulterjorment huma jekk (i) ir-rikorrenti humiex is-sidien

tal-kera tal-fond in kwistjoni u (ii) jekk l-intimati humiex l-inkwilini ta' dan l-istess fond.

Illi skond ma jirriżulta mill-affidavit tar-rikorrenti Carmen Zammit, il-fond de quo għadda għand id-dante causa tagħhom Joseph Seychell u ħuħ Lorenzo Seychell permezz tal-Att ta' Diviżjoni ppublikat min-Nutar Dottor Joseph Vassallo Agius fl-14 ta' Ottubru 2005. Illi l-imsemmi Lorenzo Seychell miet fis-6 ta' Diċembru 2021 u istitwixxa bħala l-unika eredi tiegħu lill-martu Teresa Seychell. Illi permezz tal-Att ta' Donazzjoni ppublikat min-nutar Dottor Joseph Henry Saydon fil-5 ta' April 2013, l-imsemmija Teresa Seychell iddonat sehemha mill-fond de quo lir-rikorrenti. Illi di più, l-imsemmi Lorenza Seychell, li jiġi missier ir-rikorrenti ġie nieqes fil-31 ta' Awwissu 2015 u permezz tal-Att ta' Dikjarazzjoni Causa Mortis ippublikat min-Nutar Dottor Joseph Henry Saydon fis-27 ta' Frar 2016, ir-rikorrenti wirtu s-sehem rimanenti mill-fond *de quo* b'hekk b'hekk huma s-sidien tal-kera tal-fond *de quo*. Illi fir-rikors promotur, ir-rikorrenti jiddikjaraw illi l-fond de quo ilu mikri lill-familja tal-intimata Carmen Mizzi u ħuha l-intimat John Fenech għal snin twal. Sussegwentement daħal fil-kirja wkoll l-intimat Anthony Mizzi qua r-raġel tal-istess Carmen Mizzi.

Illi ma tressqet ebda prova li tikkontradiċi jew b'xi mod tinnega dan l-istat ta' fatt u għalhekk, il-Bord huwa sodisfatt illi r-rikorrenti huma lkoll sidien tal-kera tal-fond *de quo* filwaqt illi l-intimati huma l-inkwilini effettivi.

Ikkonsidra;
Ikkonsidra;

Illi mid-dokumenti preżentati fir-rigward tat-test tal-mezzi jirriżulta illi d-dħul tal-intimat John Fenech kkalkolat ai termini tar-Regolamenti 3(a) tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-

Mezzi), **ma jaqbiżx** dak stipolat mir-Regolament 5(7) tal-istess Regolamenti. Għar-rigward tal-kapital tal-intimat, kkalkolat ai termini tar-Regolamenti 3(b) tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi), jirriżulta li **lanqas dan ma jaqbeż** dak stipolat mir-Regolament 6(6) tar-Regolamenti msemmija.

Illi fir-rigward tat-test tal-mezzi tal-intimati konjuġi Anthony Mizzi u Carmen Mizzi, ikkalkolat ai termini tar-Regolamenti 3(a) u 9 tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi), jirriżulta illi huma **ma jeċċedux** il-kriterju tad-dħul kif misjub fir-regolament 5(6) tal-istess regolamenti.

Fir-rigward tal-kalkolu tal-kapital tagħhom, kkalkolat ai termini tar-Regolamenti 3(b) u 9 tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi), jirriżulta illi huma sidien ta' <u>nofs sehem</u> indiviż ta' *agricultural stores*, f'Marsascala. Illi dan is-sehem indiviż huwa ta' valur konsiderevoli u jekk jittieħed kont tiegħu, żgur li l-intimati Anthony Mizzi u Carmen Mizzi jeċċedu l-kriterju tal-kapital kif misjub fir-regolament 6(5) tal-istess regolamenti.

Illi r-regolament 7(a) tal-imsemmija regolamenti, madanakollu, jistipola illi fil-kalkolu tal-kriterju tal-kapital tat-test tal-mezzi għandu jitqies il-valur ta' <u>kull propjetà immobbli</u> li tkun tappartjeni **għalkollox** lill-persuna li tippretendi l-kirja biss jekk dik il-persuna jkollha l-pussess vakanti ta' dik il-propjetà. Illi mill-provi prodotti, għalkemm ma jirriżultax li l-intimati Anthony u Carmen m'għandhomx il-pussess vakanti, jirriżulta illi din il-propjetà ma tappartjenix għalkollox lilhom, stante li għandhom biss nofs sehem indiviż. Għaldaqstant, dawn il-valur ta' dawn l-*agricultural stores* ma jistax jitqies għall-finijiet tat-test tal-kapital tal-intimati.

Illi mill-kalkolu tal-kapital rimanenti tal-intimati Anthony Mizzi u Carmen Mizzi, il-Bord qed isib illi huma **ma jeċċedux** il-kriterju tal-

kapital kif misjub fir-regolament 6(5) tal-istess regolamenti u b'hekk jissosidfaw ukoll il-kriterju tal-kapital tat-test tal-mezzi.

Ikkonsidra;

Illi mir-rapport redatt mil-Periti tal-Bord jirriżulta illi l-fond in kwistjoni jikkonsisti minn residenza kif ukoll numru ta' kmamar fuq barra f'bitħa. Il-finituri huma f'kondizzjoni relattivament tajba u l-fond innifsu jinsab fi stat aċċettabbli ta' manutensjoni. Il-fond huwa munit bis-sistema tal-elettriku, ilma u drenaġġ u jidher li jinsabu fi stat funzjonanti.

Illi l-periti tal-Bord, wara li ħadu kundizzjoni ta dak kollu riportat fir-rapport tagħhom, inkluż il-valur fis-suq ta' propjetajiet simili u/jew fl-istess żona, l-istat tal-fond kif inhu preżentement kif ukoll il-potenzjal ta' żvilupp kif dettat mill-policies viġenti tal-ippjanar, jistmaw il-valur tas-suq liberu u frank tal-propjetà fl-ammont ta' tliet mija u erbgħin elf Ewro (€340,000).

Ikkonsidra;

Illi fl-ikkalibrar tal-awment tal-kera kif mitluba mir-rikorrenti, dan il-Bord ser iżomm quddiem għajnejh dak mgħallem mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Carmelo sive Charles Caruana et vs Lorenza Vincenza sive Lora Zarb**[1]**,** fejn analiżżat l-għan tal-emendi introdotti bl-Att XXVII tal-2018 (u kwindi anke dawk introdotti bl-Att XXIV tal-2021), fejn irrietniet illi:

> *"il-Qorti tikkonkludi li d-dħul fis-seħħ ta' dawn l-emendi fil-liġi kienu maħsuba biex jindirizzaw u joħolqu bilanċ bejn il-*

[1] **Carmelo sive Charles Caruana et vs Lorenza Vincenza sive Lora Zarb**, Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), 3 ta' Frar 2021, (Appell Nru 126/2018/LM).

> *jeddijiet tas-sidien li altrimenti kienu ser jibqgħu jirċievu ħlas ta' kera irriżorju għall-proprjetà tagħhom wara li ilhom imċaħħda minnha snin, u l-jeddijiet tal-inkwilini li jibqgħu jgħixu fid-dar li ilhom snin jagħrfu bħala r-residenza ordinarja tagħhom"*

Illi tenut kont ta dak kollu appena espost, kif ukoll tal-mezzi tal-intimat u tal-età tiegħu, il-Bord jemmen li l-awment fil-kera għandu jkun fl-ammont ta' 2% tal-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tal-fond *de quo.*

Dan ifisser li l-kera għandha togħla għal-ammont ta' sitt elef u tmien mitt ewro (€6,800) fis-sena.

**Deċide:**

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, il-Bord qiegħed jiddisponi mit-talbiet tar-rikorrenti billi:

1. Jastjeni milli jieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel talba stante illi t-test tal-mezzi twettaq waqt l-andament tal-proċeduri.

2. Jilqa' t-tieni talba u jiddikjara illi l-kera tal-fond numru 29, Triq Santa Marija, kantuniera ma Sqaq Numru 1, fi Triq Santa Marija, fejn għandu l-bieb bin-numru uffiċjali 18, Ħaż-Żabbar għandha tiġi riveduta għall-ammont ta' 2% tal-valur tal-fond fis-suq miftuħ fl-1 ta' Jannar 2022 u konsegwentement jawmenta l-kera pagabbli mill-intimati Anthony Mizzi, Carmen Mizzi u John Fenech għal-ammont ta' sitt elef u tmien mitt ewro (€6,800) fi-sena u jordna lill-istess intimati jibdew iħallas lir-rikorrenti *in solidum* il-kera hekk awmentata b'effett mid-data tal-lum bħala d-data tas-sentenza u dan bil-

modalità ta’ erbgħa (4) skadenzi fis-sena, ċioè fl-ewwel ta Jannar, April, Lulju u Ottubru ta’ kull sena.

3. Jiċħad it-tielet talba stante li l-intimati jissodisfaw il-kriterji tat-test tal-mezzi.

4. Jiċħad ir-raba’ talba.

5. Jiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimati u tal-Awtorità intervenuta sa fejn dawn huma inkompatibbli ma’ dak li ġie deċiż hawn fuq.

Kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha ta’ dawn il-proċeduri.

**Ft.Dr. Leonard Caruana**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**